**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Frar 2024**

**<u>Rikors Guramentat numru : 156 /2022 AGV fl-ismijiet ;</u>**

**JC**

**vs**

**Dr Cynthia Tommasuolo u PL Hilda Ellul Mercer, li bì digriet datat 26 taì Ottubru 2022 gew mahtura kuraturi deputati ghal assenti AG u b í digriet datat 3 taì Mejju 2023 Dr Simon Micallef Stafrace gie appuntat bhala kuratur Deputat in sostituzzjoni ghal Dr. Cynthia Tommasuolo.**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors tar-rikorrenti datat 28 taì Lulju 2022;**

1. Illi r-rikorrenti kienet fì relazzjoni extra maritali mal- assenti AG u mill-istess relazzjoni twieled JG C fit-3 taì Jannar 2013 - Dok A.
2. Illi permezz taì kuntratt bonarju bejn il-kontendenti, biex tigi regolata kura u kustodja tal-minuri, u l-manteniment, u access datat 23 taì Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri, il-partijiet kienu ftehmu li l-minuri ghandu jkollu passaport separat ghalih li jkun mahrug bil-kunsens bil-miktub u antecedenti taz-zewg partijiet - Dok B.
3. Illi barra minn hekk, l-assenti missier, kellu ukoll l- obbligi taì access fi granet partikolari skont il-kuntratt u li dan ma ghadux iseggwi. Illi ghalhekk l-istess missier ma ghadux jonora l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-istess kuntratt u ma ghadux ikollu kuntatt dirett mal-minuri. Oltreì dan, l-istess missier intimat mhux qed ihallas il-manteniment dovut li l-istess rikorrenti sabiex jipprovdi ghalih.
4. Illi peress li fil-kuntratt kien stipulat li l-passaport tal-minuri ikun mahrug bil-kunsens u antecedent taz-zewg partijiet. L-omm rikorrenti qed ikollha diffikultaì sabiex il-minuri jkollu passaport gdid f í ismu.
5. Illi ghalhekk ikun opportun li barra l-htiega illi l-kuntratt bonarju bejn il-kontendenti jigi emendat, l-istess omm ikollah l-kura u l-kistodja esklussiva tal-minuri stante li l-missier ma ghadux attiv fil-hajja tal-minuri u wisq laqnas juri xi forma taì interess fil-progress taì hajjiet it-tifel tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorenti qed titlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament fì idejn ir-rikorrenti.
2. Torda li l-istess rikorrenti tkun awtorizzata sabiex tapplika, tiffirma, u jew iggedded wehidha il-passaport tal- minuri, minghajt intervent, firma u jew awtorizazzjoni tal-istess missier il -minuri.

**Bl-ispejjez kontra l-istess intimat li minn issa hu ingunt in subizzjoni.**

Rat ir- risposta tal-kuraturi Dr. Simon Micallef Stafrace u PL. Hilda Ellul Mercer datata 16 taì Gunju 2023 fejn l-esponenti bil-qima, jghidu li mhux edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrimettu ruhhom ghal decizjoni taì dil-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba sabiex tigi regolata l-kura w kustodja ta' iben il-partijiet, JG , illi ghadu minorenni. L-attrici qalet illi kienet tilfet kull kuntatt

minn ma'  AG , missier it-tifel, ghal bosta snin. Minhabba f'hekk, kellha diffikulta' biex timla formoli u tirregistra lit-tifel ghal diversi attivitajiet edukattivi, peress illi kellha bzonn tal-firma jew kunsens tal-missier.

Fl- ahhar seduta, il-konvenut deher skortat minn ufficjali tal-Facilita' Korrettiva, fejn presentement qieghed mizmum. Huwa iddikjara illi m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-attrici, anke ghall-interess ewlieni ghal ibnu, u qabel li l-kura w kustodja tat-tifel tigi vestita fl-omm, u li hi tkun tista' tapplika wehidha ghal passaport tat-tifel. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-merti ta' kif sab ruhu l-habs il-missier. F'dan l-istadju tinnota biss li huwa posittiv ferm li hu deher fl-ahhar seduta u accetta li jkun fl-ahjar interess ta' ibnu li l-omm jkollha l-kura w kustodja effettiva tat-tifel, ghall-gid tieghu stess.

In vista ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ser tilqa' t-talbiet tal-attrici.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. Tordna  li kura u kustodja tal- minuri tkun fdata esklussivament fi idejn ir- rikorrenti omm.
2. Torda li l-istess rikorrenti tkun awtorizzata sabiex tapplika, tiffirma, u jew iggedded wehidha il-passaport tal-minuri, minghajr intervent, firma u / jew awtorizzazzjoni tal-istess missier il-minuri.

Peress illi l-konvenut kien rappresentat minn Kuraturi Deputati u jinsab mizmum il-habs, kif ukoll peress illi l-attrici kienet assistita minn avukat tal-ghinuna legali, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dana illi l-ispejjez tal-kuraturi ghandhom jkunu temporanjament koperti mill-attrici, u rekuperabbli mill-konvenut.

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- DEP REG**